# ALCIDE DE GASPERI

*— il-bennej tad-Demokrazija Kristjana —*

*Ta'* KARMENU ELLUL GALEA

Ma nafx għaliex għalik inħoss bħal ġibda
u qalbi ssib l-kenn wil-ħsieb jistrieħ
kull meta ismek jew xbihatek jaqbżu
quddiem għajnejja qishom kwiekeb sbieħ.

Int ħadt l-għajxien ħa tgħajjex lil min welldek,
minn ħdan il-mewt qajjimt nazzjon mill-ġdid;
l-Italja mxekkla tmil lejn xfar il-qerda,
imħawda fl-ideat... tgħum fit-theddid.

Kien wasal qawmien ġdid! Bħal riefnu qawwi
ried jaħsad wiċċ l-Ewropa kif iddur...
Helsien jew dittatura kienet l-għażla,
wil-folla f'dat-taqlib ma tafx fejn tmur.

Demokrazija ġdida, ħielsa w soda
fid-dar, fix-xogħol, fil-ħajja wit-twemmin
kebbist fil-qalb wir-ruħ tal-poplu msejken
biex artek tgħix fis-sliema tal-bnedmin.

Int b'dehnek ħloqt u bnejt sisien li jwieżnu
il-kruha ta' l-uman mal-ġmiel divin,
il-qabża bejn id-dmir ma' dak li rridu,
ir-rabta bejn l-istat wiċ-ċittadin.

Twemminek welled bħal ħajj' oħra ġdida
u f'ħafna mill-Ewropa sab l-għeruq.
Inti ħabbejt, saħħaħt, farraġt lill-kotra
u ħlistha mill-għammieq li kien mitbuq.

Ismek bħal kewkba f'sema mdallam w ikreh,
xbihatek dar id-dawl f'baħar qalil;
fil-ġlieda tiegħek għat-twemmin wil-fqajjar
ma jżommok ebda biża' jew tfixkil!

Inħobbok... ngħożżok daqs li kieku ħija
mill-istess demm u art twelidna t-tnejn;
'mma mħabbtek għall-ħaddiema, Alla w artek,
twaħħadni miegħek... ma tifridna b'xejn!



# DWAR L-ARTI

*Essay ta'* ALBERT M. CASSOLA

(*Jorbot mal-għadd ta' Ġunju*)

Issa kieku għada pitgħada kellha ssir kritika vera, sinċiera, bla passjoni, fil-letteratura Maltija, kien jiġri żgur li nofs li għandna konna nsibu li hu plaġjariżmu sfaċċat jew xogħol ta' siwi żgħir, meta mqabbel mal-kapolavuri ta' pajjiżi kbar. Imma sa daqshekk x'tista' tistenna minn pajjiż ċkejken bħal Malta? Jien ma jridx immaqdar għall-gost li mmaqdar. Anzi li rrid jien hu li titwarrab is-sikrana minn malqamħ mimli, u nkunu nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem: Malta ipproduċiet dan, dan huwa tagħna, ħloqnieh aħna minn żniedna, din hija Letteratura Maltija, din hija Arti.

Mhux distinzjoni ta' xejn. Mur ġibhom barra minn Malta, it-tfal jippubblikaw taparsi essay tagħhom fl-istess paġna u ma' ġenb kitba ta' awtur stabbilit. Mur ġibhom ixandru bir-radju, jew jirrappreżentaw f'teatru ewlieni, ix-xogħol ta' dilettant ta' ħabba max-xogħol tajjeb tal-kittieb magħruf. Għax jisgħobbija ngħidu, kultant nemmen li xortina tajba li l-Malti nafuh aħna biss. Għax kieku mur ġib il-kritika serja kif tgħaddina biż żmien. Dan qiegħed ngħid għall-kitba, imma nista' nżid il-lingwa Maltija li nisimgħu spiss mit-TV u r-radju tagħna u li ħafna drabi, jisgħobbija hawn ukoll, hija xempju ta' stil mill-agħar, ta' lsien tabilħaqq ħażin. (Bla allużjoni!).

Issa wkoll ħadna l-użanza (frott tal-prużunzjoni) li daqsxejn ta' essay insejħulu studju, reċensjoni reklamistika jew ta' l-"obbligazzjoni" insejħulu kritika. B'hekk ma naslu mkien. L-Arti ma tridx dan il-logħob, dawn il-vavati, dawn il-fanfarunati. Fl-antoloġija ma nistgħux nibqgħu ndaħħlu lil min qdiena, għax qdiena, u nħallu barra 'l min ma jiġrix warajna. Il-premijiet ma nistgħux nagħtuhom biex inpattu għax-xogħol li wieħed ikun għamlilna b'xejn jew għax kiteb fuqna l-omeliji minħabba li fil-veru sens konna u aħna għalih "qaddisin."

Sinċerità, verità, onestà, u ġustizzja; inkella l-Arti ma nersqux lejha, ma nxommuhiex. Ir-reċensjonijiet, il-kommenti sbieħ miktubin anonimament minn l-awturi nnifishom fuq l-istess xogħolhom jistgħu jiswew biex iħajru 'l xi baħnan jixtri kopja tal-ktieb jew lil xi belhani biex imur jara t-tali dramm. Imma r-reazzjoni fl-aħħar mill-aħħar tkun kuntrarja, kif kellna okkażjoni naraw m'ilux wisq. L-awtoreċensjoni u t-tifħir reċiproku jispiċċaw biex idaħħku n-nies bihom.

Hekk il-għażla tat-testi f'istituzzjonijiet għolja. Bħal f'isem il-libertà, kemm delitti, xi drabi, f'isem l-edukazzjoni, il-letteratura u l-Arti? Riżultat? Studenti li jsiru jobogħdu l-kitba bil-Malti. X'tis-